TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 277/10

**Mary Ebejer**
**vs**
**Big Save Footwear**

Illum 23 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħamsin ewro (€50), rappreżentanti prezz ta' running shoes li wara li ntlibes tlett darbiet dan beda jweġġagħha ħafna tant li ma setgħetx tużah aktar.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat running shoes u wara li libsitu xi tlett darbiet, dan beda jweġġagħha, tant li ma setgħetx tużah aktar.

L-intimat issottometta illi l-prezz tar-running shoes huwa ta' ħamsa u tletin ewro (€35) u mhux ta' ħamsin ewro (€50) kif oriġinarjament intqal, u dan iż-żarbun ġie lura wara diversi ġimgħat illi kien intuża.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi huwa l-obbligu tar-rikorrenti li jassigura li l-qies taż-żarbun huwa tajjeb, pero' wkoll l-intimat għandu jassigura li dak li jbiegħlu huwa tajjeb għar-rikorrenti.

Illi l-intimat offra li jagħti żarbun ieħor bi prezz ta' skont ta' ħamsin fil-mija (50%) lir-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li sema' dawn il-verżjonijiet, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' għoxrin ewro (€20), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888